MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 758/2013

**Avukat Dr. Malcolm Mifsud a nom u in rapprezentanza ta' Jacqueline Purchase**

**vs**

**Jason Micallef**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dr. Malcolm Mifsud nomine li permezz tieghu, wara li ppremetta illi:

L-attrici hija t-tifla tad-decujus Edward Grixti li fid-19 ta' Settembru 2012 miet, izda l-werriet tieghu huwa l-Konvenut, Jason Micallef skond it-testment tat-2 ta' Lulju 2007;

Fis-sentenza tal-1 ta' Dicembru 2011, fl-ismijiet Dr. Mark Chetcuti noe vs Edward Grixti (Citaz Nru: 146/2007) (Dok A), l-attrici kienet giet assenjata l-Ware House (Rausi Trading), Stadium Street, Gzira, liema fondi hija mikrija lil S. Rausi Trading Limited;

Fil-mori tal-kawza s-socjetà S. Rausi Trading Limited ddepozitat il-kera fil-Qorti u fil-fatt kien hemm erba cedoli tad-depozitu 1669/11; 1302/12; 831/11 u 492/12;

Il-konvenut oggezzjona ghall-izbank ta' dawn ic-cedoli, ghaliex jidher li qed jippretendi nofs tas-somma depozitata, minkejja li l-fond in kwistjoni ma kienitx giet assenjata lilu;

Permezz tad-digriet tal-1 ta' Lulju 2003 (Dok B), dina l-Onorabbli Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors ghall-izbank sakemm ma ssirx il-prezentata tal-atti ta' divizjoni skond is-sentenza tal-1 ta' Dicembru 2011;

Minkejja l-attur noe jixtieq li tali kuntratt jigi ppubblikat kif kien gie ordnat, dan ma jistax isir minghajr il-hlas tat-taxxi relattivi, li l-Konvenut qed jirrifjuta li jaghmel;

Minkejja dan il-kawza ma regolatx id-divizjoni tal-kera tal-fond in kwistjoni u b'hekk mhux se tkun parti mill-kuntratt tad-divizjoni;

Talab lil din il-Qorti:

1. Tawtorizza u tordna l-izbank tac-cedoli ta' depozitu 1669/2011; 1302/2011; 496/12 a favur ta' l-attur nomine.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li ghalkemm debitament notifikat, Jason Micallef ghazel li ma jwegibx ghall-kawza u lanqas ma deher ghall-udjenzi.

Rat l-affidavit ta' Jacqueline Purchase.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza Dr. Malcolm Mifsud ghan-nom ta' Jacqueline Purchase qieghed jitlob lill-Qorti

tawtorizzah jizbanka diversi cedoli ta’ depozitu li saru in relazzjoni ma kirja ta’ fond li ghandu jigi assenjat lilha fid-divizjoni tal-eredità ta’ ommha. L-intimat Jason Micallef huwa eredi ta’ missierha.

Il-Qorti tibda biex tenfasizza l-insenjament kostanti ta’ dawn il-Qrati li l-kontumacja m’hija qatt meqjusa bhala ammissjoni tat-talba u jibqa’ dejjem jinkombi fuq l-attur li jipprova li t-talbiet tieghu huma fattwalment u legalment gustifikati. Dan premess, jirrizulta illi, permezz ta’ sentenza ta’ din il-Qorti kif presjeduta moghtija fil-konfront ta’ Edward Griscti, li tieghu Jason Micallef huwa eredi, giet ordnata d-divizjoni tal-assi ta’ omm Jacqueline Purchase, mara ta’ Edward Griscti, (llum defunt ukoll). Permezz ta’ l-pjan ta’ divizjoni kif ordnat mill-Qorti, il-fond li l-kera tieghu hija mertu ta’ dawn il-proceduri, kellu jigi assenjat lil Jacqueline Purchase. Il-Qorti f’dik is-sentenza kienet hatret Nutar biex jippubblika l-att ta’ divizjoni. Madankollu, dan l-att qatt ma gie ppubblikat. Ghaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-proprjetà ghandha indiviza bejn il-partijiet. Konsegwentement m’hijiex gustifikata t-talba ta’ Jacqueline Purchase li wahedha tiehu l-kirjiet tal-fondi li ghadhom iridu jinqasmu skond is-sentenza.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti nomine.

L-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------